**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-11 ta' Mejju 2016

Talba Numru: 646/2015NHV

Numru fuq il-Lista: 7

**Tony Cilia Pisani K.I. 79647(M)**
fil-kwalita` tiegħu ta' amministratur tal-Condominium
Dernis Owners Association

**vs**

**David Farrugia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-4 t'Awwissu 2015, li permezz tiegħu l-attur nomine talab il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' disa' mija u sebgħin Ewro (€970) rappreżentanti kontribuzzjoni tal-konvenut għas-snin 2011, 2012, 2013 u 2014 dovuti bħala sid tal-appartament numru 5 fil-blokk ta' appartamenti bl-isem Dernis Court, Triq Marie Farrugia, Bubaqra, Żurrieq;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni mill-attur fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2016, illi permezz tagħha t-talba ġiet ridotta b'ħames mitt Ewro (€500) u għaldaqstant l-ammont pretiż mill-attur nomine huwa ta' erba' mija u sebgħin Ewro (€470), flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż legali.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur nomine tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u sebgħin Ewro (€470), bl-imgħax legali dekorribbli mill-4 t' Awwissu 2015, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
**Ġudikatur**